MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 844/1999/1

**Swan Laundry & Dry Cleaning Company Limited**

**vs**

**Suncrest Hotels p.l.c.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici, pprovdiet servizzi ta' laundry u dry cleaning u servizzi ohra relatati lis-socjeta' konvenuta, ghal liema servizzi l-istess socjeta' konvenuta ghad fadlilha thallas il-bilanc ta' disat elef mija u sitta u sebghin

Lira Maltin (Lm9,176) liema somma ghadha dovuta sallum, kif jirrizulta minn prospett hawn anness u mmarkat Dok ‘A1’ u ‘A2’.

Peress illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi, nkluzi permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Mejju 1997, hija baqghet inadempjenti.

Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma’ dan l-att Affidavit immarkat Dok ‘B’ a tenur tal-istess Artikli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Tghid is-socjeta’ konvenuta, ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din il-Qorti:

1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b’dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2) Tikkundannaha thallas is-somma ta’ Lm9,176 rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ servizz ta’ Laundry u dry cleaning u servizzi ohra relatati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Mejju 1997, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process

Rat In-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:-

1. Prelliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artiklu 2148(a) tal-Kodici Civili billi ghaddew aktar minn tmintax-il xahar mill-ittra ufficjali tal-25 ta’ Mejju 1997 sas-16 ta’ April 1999 u cioe d-data meta giet intavolata l-kawza odjerna; din l-eccezzjoni qieghda tinghata minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra ta’ preskrizzjoni li tista’ tinghata

mis-socjeta’ konvenuta specjalment ghall-perjodu qabel il-25 ta’ Mejju 1997.

2. Subordinatament u fil-mertu mill-kotba tas-socjeta’ konvenuta ma jirrizulta ebda ammont li hu dovut lis-socjeta’ attrici, liema socjeta’ ghandha ghalhekk tesebixxi prospett dettaljat li juri kif waslet ghas-somma pretiza li fih ikun indikat l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ghax-xoghol kollu illi ghamlet lis-socjeta’ konvenuta u l-hlasijiet tas-socjeta’ konvenuta li s-socjeta’ attrici hadet in konsiderazzjoni sabiex waslet ghall-bilanc mitlub.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet tal-14 ta’ Mejju 1999 a fol 12 li bih il-konvenuti gew awtorizzati jikkontestaw l-kawza u jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fil-waqt li ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali.

Rat id-decizjoni taghha preliminari a fol 33A li biha cahdet l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni;

Rat id-degriet a fol 291 li bih gie nominat Dr.Renald Micallef, bhala perit komputist;
Rat ir-relazzjoni tieghu a fol 297 u r-relazzjoni addizzjonali a fol 321;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi fil-kaz in ezami kien hemm kuntratt ghas-servizzi ta’ laundry bejn is-socjeta attrici u l-lukanda konvenuta. Meta kien se jigi terminat il-kuntratt, u kienu qed isiru l-kontijiet, instabu xi diskrepanzi.

Is-socjeta konvenuta kkontestat l-istatements li baghtet is-socjeta attrici, u meta gew verifikati l-kontijiet instabu d-diskrepanzi li kienu jirrisalu ghall-bidu tal-kuntratt. Is-socjeta konvenuta kienet qed issostni li kienu qed isiru zidied fil-prezzijiet minghajr ftehim minn qabel. Il-partijiet kienu ghamli nkontri biex jirrisolvu l-kwistjoni u kien

intlahaq ftehim fejn is-socjeta attrici harget credit notes bhala rifuzjoni ta’ dawn iz-zidiet. Dawn it-tlett credit notes huma ta’ Lulju 1997. (ara fol 42 u fol 242). Skond is-socjeta attrici kienu pprovaw jirrikonciljaw id-diskrepanzi li kien ghad fadal fil-kontijiet, li kienu jirrisalu ghal bidu tal-kuntratt izda s-socjeta’ konvenuta ma kelliex id-dokumenti billi ma nstabux. Ghalhekk is-socjeta attrici qed tikkontendi li wara li kien intlaqah dana l-ftehim kien fadal zewg kontijiet miftuhin; cjoe wiehed ta’ Lm 3547 u iehor ta’ Lm 5629. (Dok a fol 5 u 6).

Min-naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta tirritjeni li wara li kien sar il-ftehim, skond ir-records taghha, il-bilanc li kien ta’ zero.

Il-Qorti ghalhekk kienet innominat perit komputista biex jezamina d-dokumenti ezibiti a fol 5 u 6 kif ukoll dawk a fol 46 sa 229 u 248 sa 263 biex jirrelata jekk effettivament kienx fadal bilanc kif kienet qed issostni s-socjeta attrici. Ghal dana l-ghan gie nominat Dr.Renald Micallef.

Fl-ewwel relazzjoni tieghu l-espert kien ikkonkluda li skond il-kotba finanzjarji tas-socjeta attrici jidher li l-ammont ta’ Lm 9,176 huwa dovut mis-socjeta konvenuta. Min-naha l-ohra mill-provi ezibiti mis-socjeta konvenuta din m’ghandhiex taghti ammonti lill-Garment Finishing Comp Ltd, izda dana ma jistax jigi konkluz ukoll fir-rigward tas-socjeta’ attrici.

B’verbal tas 19 ta’ Jannar 2007 is-socjeta konvenuta issottomettiet li d-dokumenti a fol 248 Dok JG2 fejn tissemma Garment Finishing Comp Ltd. (li wara gie sfilzat) kien gie ezibit bi zvista u dana peress illi d-dokument li kellu jigi prodott kien l-istatemenet ta’ Swan Laundry li imbaghad gie ezibit a fol 308. L-espert computist ghalhekk rega’ gie nominat biex jirrelata jekk kienx hemm xi haga x’ijzid jew jibdel mill-ewwel relazzjoni tieghu.

Fit-tieni relazzjoni tieghu, l-perit ikkonkluda li r-reconciliation mhiex possibili li titwettaq. (fol 323).

Tikkunsidra

Illi s-socjeta attrici pprezentat il-kontijiet taghha *transaction by transaction* (ara fol 46 sa 229) cjoe hi kienet iddahhal fis-sistema komputerizzata taghha kull invoice individwali. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta kellha sistema ta’ *batch processing* cjoe li hi kienet tigbor l-invoices fimkien u ddahhal entratura wahda rapprezentanti ammont komplessiv.  Skond l-espert jekk is-socjeta konvenuta ma tipprezentax d-dokumenti individwali kif ghamlet is-socjeta’ attrici mhux possibili li ssir ir-reconciliation bejn l-istatements ezibiti. Irrizulta li dana l-esercizzju kien sar diga’ izda s-socjeta konvenuta ma sabitx id-dokumenti minn 1988 sa 1990.

Is-socjeta attrici pprezentat l-istatements fejn jinstabt li ghad hemm bilanc ta’ Lm 9176 u dana wara li nghataw il-credit notes lis-socjeta konvenuta. Skond l-espert mill-kotba finanzjarji ezibiti mis-socjeta attrici ghad hemm ammont ta’ LM 9176 dovut mis-socjeta konvenuta. (ara fol 5 u 6).

Is-socjeta konvenuta ma kienitx f’posizzjoni li tikkontesta dak li qed titlob is-socjeta attrici billi ma kienitx f’posizzjoni li tressaq individwalment id-dokumenti kollha rilevanti. Minhabba is-sistema uzata mis-socjeta konvenuta ma kienx possibili li ssir reconciliation biex tipprova kif waslet ghal bilanc ta’ zero, mentri s-socjeta attrici rnexxilha tipprova dak li qed titlob.

Meta tinghata eccezzjoni ta’ pagament il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur.  Min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; u fid-dubbju u fin-nuqqas ta’ ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx  (Kollez 37 p1 p 535), jekk ma jigix pruvat b’mezzi ohra. (Kollez 35 p3 p 604; XLIX p 2 p 777). Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali  (App  Kum Buttigieg vs Portelli 26/1/1976; App Chetcuti vs Pearson 5/10/1998). Fil-kaz in ezami s-socjeta’ attrici  ma rnexxiliex taghmel dana.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tilqa t-talba attrici;
Tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta'€21,374.33 ekwivalenti ghal Lm9,176 rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizz ta' Laundry u dry cleaning u servizzi ohra relatati.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------